# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha, 5 ta' Gunju 2020**

**Kawza Numru: 24**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1085/2018 JVC**

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs**

**Kumitat tal-Vittoriosa Regatta Club**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi permezz ta' rikors ta' Anthony Cassar ID 0718348(M) u Barry Cassar ID 043377(M) datat 16 ta' Settembru 2016 fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni Numru 1296/16 NC fl-ismijiet *Anthony Cassar et vs Vittoriosa Regatta Club* (kopja tar-rikors qeda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A), l-istess Anthony Cassar et esponew illi:

   ***Illi fis-6 ta' Settembru 2016 l-esponenti ottjenew il-hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni numru 1296/16 NC kontra l-Vittoriosa Regatta Club ion forza ta' liema l-istess club u l-membri tal-kumitat prezenti gew inibiti milli johorgu /juzaw/jittrasferixxu jew jippermettu li johrog jew jintuza il-kajjik bl-isem 'Sant Antnin' li huwa proprjeta ta' Cassaru liema kajjik kien jinsab fil-mahzen tal-Vittoriosa Regatta Club, il-Mandragg, il-Birgu;***

   ***Illi minkejja d-divjiet impost mill-Qorti permezz tal-Mandat sudett, nhar it-8 ta' Settembru 2016 il-club intimat ghazlu li jisfidaw l-Awtorita tal-Qorti u hargu l-kajjik 'Sant Antnin' mill-mahzen, varawh u qadfu bih;***

   ***Illi di piu l-istess club nehha jew biddel l-isem Sant'Antnin minn fuq il-kajjik in kwistjoni. Illi di piu l-istess Club anke biddel in-numru ta' registrazzjoni tal-imsemmi kajjik u karatteristici ohra tal-kajjik;***

   ***Illi ghalhekk ghar-ragunijiet imfissra fl-imsemmi rikors, l-istess Anthony Cassar et talbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tadotta fil-konfront tal-intimat/il-membri tal-kumitat tal-Club intimat dawk il-mizuri kollha necessarji u tghati dawk il-provvedimenti kollha opportuni sabiex jigi hekk assigurat li l-***

*intimat/membri tal-kumitat intimat jifhmu il-portata u n-natura tal-Ordni tal-Qorti u jifhmu ukoll il-gravita ta' ghemilhom;*

2. Illi permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 31 ta' Ottubru 2016 (hawn annessa bhala Dok B) din l-Onorabbli Qorti, wara li rat l-atti ordnat lill-esponenti sabiex jipprocedi bil-procedura ta' disprezz;

3. Illi ghalhekk in adempiment ma' dik l-ordni l-esponenti qed jintavola dan ir-rikors guramentat;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, jghid l-intimat ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna illi;

1. Issib lill-intimat hati ta' disprezz kontra l-awtorita' taghha ai termini tal-artikolu 997 u 1003 A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimat intimat ghall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah ghall-prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew ghall-multa u prigunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimat ai termini tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta nkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-ligi.'

Rat illi r-risposta guramentata giet sfilzata stante li gietipprezentata 'fuori termine' u ghalhekk permezz tad-digriet tat-12 ta' Frar, 2019 a fol. 19 tal-process ta' din il-Qorti diversament preseduta l-kumitat intimat gie dikjarat kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-mandat ta' inibizzjoni 1296/16 NC fl-ismijiet Anthony Cassar et -vs- Vittoriosa Regatta Club ipprezentati minn Dr Yvette Tonna Borg fis-seduta tat-18 ta' Gunju, 2019;

Rat ix-xiehda, ritratti, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat illi fil-verbal tat-13 ta' Frar, 2020 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

**<u>Fatti fil-Qosor:</u>**

Il-fatti huma li fis-6 ta' Settembru, 2016 Anthony Cassar u ibnu Barry Cassar talbu l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 1296/2016 NC fl-ismijiet **Anthony Cassar et -vs- Vittoriosa Regatta Club** u dana sabiex izommu lill-kumitat intimat u '...l-

membri kollha tal-kumitat prezenti milli bi kwalunque mod u manjiera ma jcaqalqu/johorgu/juzaw/jittrasferixxu – sia oneruzament kif ukoll gratwitament u/jew jippermettu lil xi terz johrog u/jew jghamel uzu mill-kajjik 'Sant Antnin' – proprjeta' esklussiva tal-esponenti – mill-fond fejn jinsab prezentament u cioe' fil-mahzen tal-'Vittoriosa Regatta Club', il-Mandragg, Birgu' (ara l-atti tal-mandat a fol. 22 sa fol. 73 tal-process). Il-Qorti permezz ta' digriet ta' dakinhar stess tas-6 ta' Settembru, 2016 laqghet il-mandat provvizorjament u gie ordnat in-notifika tal-kumitat intimat bi zmien ghaxart (10) ijiem ghar-risposta u r-rikors gie appuntat ghas-smigh ghad-19 ta' Settembru, 2016.

Illi l-ghada, 7 ta' Settembru, 2016 gie ntavolat rikors b'urgenza mill-Vittoriosa Regatta Club fejn gie mitlub lill-Qorti tirrevoka *contrario imperio* jew altrimenti tbiddel id-digriet taghha tas-6 ta' Settembru, 2016 taht dawk id-disposizzjonijiet u ordnijiet li l-Qorti tqis necessarji u opportuni fic-cirkostanzi (ara vera kopja tar-rikors a fol. 32 sa fol 34 tal-process). B'digriet ta' dakinhar stess il-Qorti kif diversament preseduta cahdet it-talba (ara vera kopja tad-digriet a fol. 35 tal-process).

Illi fis-16 ta' Settembru, 2016 Anthony Cassar u ibnu Barry Cassar intavolaw rikors fejn *inter alia* nfurmaw lill-Qorti li l-intimata/membri tal-Kumitat Vittoriosa Regatta ghazlu li jisfidaw l-awtorita' tal-Qorti meta malgrad li kien hemm digriet fejn il-mandat ta' inibizzjoni gie milqugh provvizorjament, huma xorta wahda nhar it-8 ta' Settembru, 2016 proprju f'jum ir-Regatta tal-Vitorja, hargu l-Kajjik 'Sant Antnin' mill-Mandragg fil-Birgu, varaw u qadfu sa Xatt Pinto, u sussegwentament telqu bih mal-bcejjec tal-bahar l-ohra. Talbu ghalhekk lill-Qorti sabiex tiehu l-mizuri kollha necessarji u taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni sabiex jigi assigurat li l-intimati/membri tal-kumitat

intimat jifhmu l-portata u n-natura ta' ordni ta' Qorti u jifhmu l-gravita ta' ghemilhom.

Illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta, datat 30 ta' Settembru, 2016 l-mandat ta' inibizzjoni 1296/2016/1 NC gie kkonfermat stante li kienu jezistu r-rekwiziti ghal hrug ta' mandat.

Illi sussegwentament permezz tad-digriet tal-31 ta' Ottubru, 2016 (ara kopja a fol. 73 tal-process odjern) din l-Qorti diversament preseduta wara li rat li jezistu cirkostanzi li jirrendu opportuna l-applikazzjoni tal-Artikolu 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-esponenti Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali sabiex jipprocedi kontra l-intimat Vittoriosa Regatta Club a tenur tal-Artikolu msemmi. Kienu ghalhekk li gew istitwiti l-proceduri odjerni.

**Kunsiderazzjonijiet Legali u Fattwali:**

Illi din hija kawza ghall-kundanna minhabba disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kif dispost fl-Artikolu 1003A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Fil-kaz prezenti Anthony Cassar u ibnu Barry Cassar ottenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1296/16 NC fejn permezz tieghu l-kumitat intimat Vittoriosa Regatta Club gie inibit milli johrog/juza/jitrasferixxi jew jippermetti li jigi uzat il-kajjik bl-isem 'Sant Antnin'. Sussegwentement Anthony Cassar u Barry Cassar allegaw li malgrad li kien hemm l-ordni tal-Qorti, il-kumitat nhar it-8 ta' Settembru, 2016 xorta hareg il-kajjik bl-isem 'Sant Antnin', u mar pass oltre, billi ghamel tentattiv sabiex jokkulta l-ghemil qarrieqi tieghu billi qabad il-kajjik 'Sant Antnin' u ghamel modifiki fih b'tali mod li ma jidhirx li huwa l-kajjik 'Sant

Antnin'. Bhala provi ressqu bosta ritratti kif ukoll xiehda partikolarment ta' Berry Cassar kif ser jigi trattat aktar l' isfel.

Illi ntqal fuq il-procedura ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali -vs- Mario Caruana et** deciza nhar l-20 ta' April, 2007 illi:

> 'Il-procedura ta' disprezz hija mahsuba biex thares ir-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti. Wahda mis-setghat ewlenin ta` kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xi haga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta` kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita`, li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem Lord Denning fil-kawza "<u>In re Bramblevale Ltd (1970)"</u>, "This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempt's of court. <u>It is a criminal offence</u>. It must be proved beyond reasonable doubt" (sottolinear ta` din il-Qorti)'.

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak li sostniet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza deciza nhar it-28 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet **Avukat Irene Bonello -vs- L-Onorevoli Prim Ministru et** fejn inghad illi:

> 'L-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta' natura penali u huwa mahsub biex jassigura l-bwon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-proceduri. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jazzarda jonqos mir-rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti. Il-parti leza hi allura l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda mill-kontendenti.'

Intqal ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Registratur tal-Qrati Superjuri -vs- Salvu Bellotti et** deciza nhar l-10 ta' Dicembru, 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili illi:

> 'Jiehtieg li kulhadd jifhem li biex jinzamm il-bwon ordini fis-socjeta' hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Ordni tal-Qorti ghandu jkun obdut u se mai ghandu jkun jkun kontestat fi proceduri ad hoc; izda certament tali ordni ma tistax tigi injorata.'

Illi mar-rikors intavolat fis-16 ta' Settembru, 2016 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 1296/16 NC, Anthony Cassar u Barry Cassar elenkaw diversi modifiki li l-kumitat intimat wettaq fuq il-kajjik 'Sant Antnin', liema modifiki gew ikkonfermati fid-dettal minn Barry Cassar fix-xiehda tieghu ta' nhar it-13 ta' Frar, 2020. Irrizulta minn din ix-xiehda li l-kajjik 'Sant Antnin' gie mibni mill-istess rikorrrenti Anthony Cassar u ibnu Barry Cassar u kif hareg mix-xiehda tal-istess Barry Cassar ghalihom huwa aktar facli li jiddentifikaw kajjik minn iehor konsegwenza tal-karatteristici partikolari li kull wiehed minnhom ikollu.

Il-Qorti semghet lil Barry Cassar jixhed fid-dettal id-differenza bejn il-kajjik 'Sant Antnin' li kien suggett ghall-mandat ta' inibizzjoni u l-kajjik bl-isem ta' 'Centenarju' li prima facie deher li nhareg u ntuza fir-regatta tat-8 ta' Settembru filwaqt li kien hemm l-ordni provvizorja tal-Qorti fis-sehh sabiex il kajjik 'Sant Antnin' in kwistjoni ma jintuzax. Din il-Qorti semghet u qrat bir-reqqa id-differenzi notati mix-xhud Barry Cassar bejn il-kajjik bl-isem 'Sant Antnin' kif mibni minnu u missier u l-kajjik 'Centeneraju' wkoll mibni minnhom u qabblet dawn mar-ritratti esebiti fl-atti. Rat ukoll b'ghajnejha l-istess ritratti u dawk il-partijiet partikolari fir-

ritratti li jevidenzjaw iz-zewg kajjiki kif saru orignarjamnent, bid-dettalji rispettivi tal-kajjik kif mibni fosthom il-parti t'isfel fuq wara, in-numri moghtija lill-kajjiki, ir-riklami fuq il-kajjiki u l-ismijiet kif imwahhla fuq l-istess. Wara li rat dawn id-dettalji kollha kif korroborati mix-xiehda ta' Barry Cassar ma jibqala' ebda dubju li l-kajjik li jidher bl-istem ta' 'Centinarju' uzat fir-regatta tat-8 ta' Settembru, 2016 kien fil-fatt il-kajjik originarjament moghti l-isem ta' 'Sant' Antnin' milqut bil-mandat ta' inibizzjoni 1296/16 NC. Fost dawn id-dettalji l-Qorti telenka partikolarment is-segwenti:

1. Fil-kajjik l-awtentiku, l-isem 'Sant Antnin' kien ta' lewn isfar u pozizzjonat lejn in-nofs tal-kajjik. Taht l-isem 'Sant Antnin' kien hemm il-kelma 'Vodafone' u kienu posizzjonati b'tali mod li l-ittra 'A' ta' 'Sant Antnin' kienet tigi bi dritt l-ittra 'a' tal-kelma 'Vodafone' (ara ritratti a fol. 78 immarkati IMG 001 u IMG 002).

Jirrizulta li l-isem 'Sant Antnin' gie mnehhi u l-kajjik gie moghti isem iehor ta' 'Centinarju' bl-istess kulur isfar pero' izjed lura minn fejn kien qabel, precizament minflok il-kliem isfar 'Tunanu Builders'. Ta' importanza huma r-ritratti a fol. 84 sa fol. 88 tal-process immarkati bhala IMG 012 sa IMG 019 li jevidenzjaw li l-kajjik li jidher fir-ritratti u moghti l-isem ta' 'Centinarju' ma' huwa xejn hlief il-kajjik awtentiku 'Sant Antnin' u dan jidher peress li l-kliem 'Sant Antnin' ghadhom jidhru mpressi fuq il-vernic tal-kajjik. Dawn ir-ritratti huma evidenza diretta li ma jhallux l-icken dubju dwar liema kajjik intuza dakinhar tat-8 ta' Settembru, 2016 u cioe' 'Sant Antnin' li kien milqut bil-mandat.

2. In-numru tal-kajjik 'Sant Antnin' gie mibdul minn dak originali 'S-5312' (ara ritratt a fol. 78 immarkat bhala IMG 001 tal-process) ghal dak 'S-3115' (ara ritratti a fol. 91 immarkati bhala IMG 024 u

IMG 025 tal-process). Jinghad li dan in-numru 'S-3115' huwa ta' kajjik iehor bl-isem ta' Charles Angels' (ara ritratt a fol. 79 immarkat bhala IMG 004 tal-process) u sahansitra ma jaqbilx man-numru originali moghti lill-kajjik 'Centinarju' li huwa dak ta' S-15312 (ara fol. 79).

3. Il-kajjik 'Sant Antnin' ghandu certu karatteristici li jiddistingwuh mill-kajjiki l-ohra b'mod specjali l-kajjik 'Centinarju 2008', li l-kumitat intimat prova jimmedesima mieghu billi jassimila certu karatteristi mieghu. Fosthom jirrizulta li l-kajjik awtentiku jismu 'Centinarju 2008' u mhux 'Centinarju', n-numru tieghu huwa 'S-15312' u mhux 'S-3115' u l-kulur tal-kliem huwa bl-abjad u mhux bl-isfar (kif jinsab prezentament).

4. In aggunta, karatteristici fil-hadma tieghu li jiddistingwu l-kajjik 'Sant Antnin' minn dak 'Centinarju 2008' huma illi:

i) il-faxxa tal-poppa (maghrufa wkoll 'prim fuq wara') tal-kajjik 'Sant Antnin' hija fit-tond u x-xewka hija ta' certu distanza mill-art (ara ritratt a fol. 78 immarkat IMG 002 u ritratti a fol. 87 sa 89 immarkati bhala IMG 016, IMG 017, IMG 018 u IMG 020 b'cirku isfar). Mentri tac-'Centinarju 2008' hija kwadru u x-xewka hija distanza ferm iqsar mill-art kif tidher fir-ritratt immarkata b'cirku isfar (ara ritratti a fol. 79 immarkati IMG 003 u fol. 81 IMG 006).

ii) il-faxx injam (maghruf ukoll bhala 'l-pastiera') fuq in-naha ta' gewwa tal-kajjik indikati bi vlegeg blu huwa ta' injam car (ara ritratti a fol. 78 immarkat IMG 002 u fol. 89 u fol. 90 immarkati bhala IMG 021 u IMG 022). Filwaqt li fic-'Centenarju 2008' li gie indikat bi vlegeg blu u hodor huwa njam skur (ara ritratt a fol. 82 immarkat IMG008.

iii) L-injam tal-fruntal ossia c-capepp mal-gnub fuq in-naha ta' gewwa tal-kajjik. Fil-kaz ta' 'Sant Antnin' dawn huma tal-injam immarkati bi vlegeg sofor (ara ritratt a fol. 83 immarkat bhala IMG 010). Filwaqt li fic-'Centenarju 2008' huma tal-stainless steel immarkati bi vlegga safra (ara ritratt a fol. 82 immarkat IMG 008).
iv) Il-bank fejn ipoggi l-qaddief ta' bil-qieghda fil-kaz ta' 'Sant Antnin' huwa miksi shih minn naha sa ohra (ara ritratti a fol. 78 immarkat bhala IMG 001 u IMG 002). Filwaqt li dak tac-'Centenarju 2008' huwa miksi san-nofs immarkat bi vlegeg blu car (ara ritratt a fol. 82 immarkat bhala IMG 008). Dipiu' l-kisi fil-kaz ta' Sant Antnin huwa abjad mentri dak tac-'Centinarju 2008' huwa ta' lewn ahmar.

Dan premess, fil-mori tal-proceduri odjerni xehdet Dr Yvette Tonna Borg – Assistant Registratur, Qrati Civili u Tribunali (a fol. 95 u fol. 96 tal-process) li pprezentat vera kopja tal-original tal-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 1296/2016 NC. Xehed ukoll il-PL Quentin Tanti li kien jippatrocina lil Anthony Cassar u Barry Cassar fil-proceduri tal-mandat ta' inibizzjoni 1296/2016 NC (a fol. 97 sa fol. 101 tal-process). Huwa kkonferma bil-gurament li r-ritratti '*…image 4, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30 u 31 huma mehudin minni fil-gurnata tat-8 ta' Settembru, 2016.*' Gialadarba r-ritratti b'mod specjali IMG 024, IMG 025, IMG 026, IMG 027, IMG 028, IMG 029, IMG 030 (a fol. 91 sa fol. 94 tal-process) gew ikkonfermati bil-gurament din il-Qorti aktar u aktar m'ghandiex ghalxiex tiddubita l-awtenticita' taghhom. Il-Qorti gia ddikjarat li x-xiehda dettaljatissima ta' Barry Cassar ma thalli l-ebda dubju f'mohh il-Qorti li dak allegat minnu u missieru huwa l-verita'.

Illi minn lat procedurali jirrizulta ppruvat li l-Vittoriosa Regatta Club kien gie notifikat bil-mandat ta' inibizzjoni gia fis-6 ta'

Settembru, 2016 tant li l-ghada 7 ta' Settembru, 2016 l-Kumitat intimat ipprezenta rikors b'urgenza ghar-revoka *contrario imperio* liema rikors gie michud dakinhar stess. Dan huwa turija li l-Kumitat intimat kien fehem sew l-obbligi li jgib mieghu l-ilqugh ta' mandat ta' inibizzjoni b'mod provvizorju. Dan irendi aktar gravi l-fatt li nonostante li l-Kumitat kien jaf ben tajjeb li kien qed jikser l-ordnijiet tal-Qorti ghazel volontarjament li jaghmel modifiki fil-kajjik 'Sant Antnin' bl-ghan uniku li jinganna u jahbi li qed jaghmel uzu minnu kontra l-ordni tal-Qorti b'turija cara li l-Kumitat intimat injora ghal kollox dak ordnat mill-Qorti u l-awtorita' taghha.

Illi mill-atti kollha u in vista tas-suespost, din il-Qorti tqis li r-Registratur rikorrent irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-pretensjoni tieghu li l-Kumitat intimat agixxa b'disprezz tal-ordni tal-Qorti meta malgrad li gie ordnat sabiex ma juzax il-kajjik 'Sant Antnin' permezz ta' digriet datat 6 ta' Settembru, 2016 (a fol. 30 tal-process) fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 1296/16 NC, huwa ghazel li jinjora dik l-ordni u ghamel uza mill-kajjik 'Sant Antnin' fir-Regatta ta' nhar it-8 ta' Settembru, 2016. Il-Qorti rat li stante li fl-atti ma gewx identifikati l-membri tal-Kumitat in kwistjoni l-istess Qorti ma tistax timponi l-piena ta' prigunerija kif jipprovdi l-artikolu 997 kif sincerament din il-Qorti tqis li kienet tkun idonea fic-cirkustanzi ta' malizzjozita` murija u ksur lampanti tal-ligi mill-Kumitat fil-kaz odjern, pero' ser tghaddi sabiex timponi il-massimu tal-piena ai termini tal-Artikolu 997 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din tirrifletti l-gravita' tal-atti tal-istess Kumitat fil-konfront tal-Qorti.

## <u>Decizjoni:</u>

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti taqta' u tiddeciedi

din il-kawza kif isegwi:

1. Issib lill-Kumitat tal-Vittoriosa Regatta Club intimat hati ta' disprezz fil-konfront tal-awtorita' tal-Qorti ai termini tal-artikolu 997 u 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-Kumitat intimat ghall-massimu tal-multa fis-somma ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

3. Stante li bir-reat kommess mill-Kumitat intimat ma jirrizultax mill-atti li saret xi haga li kkawzat dizordni jew inkonvenjent, din il-Qorti ma tarax li hemm lok li jigi ordnat rimedju taht il-kappa tal-Artikolu 997 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha kontra l-Kumitat intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Gunju, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Gunju, 2020**